**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**Vs**

**Omar Mizzi**

**Kaz Numru: 191/2015**

**Illum 4 ta' Mejju, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Omar Mizzi ta' 37 sena, bin Joseph u Antonia nee' Zarb, imwieled Pieta' fid-9 ta' Ottubru 1977 u li joqghod f'Mamas, Triq Giovanni Pullicino, Zebbug, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 514377M talli fis-7 ta' Jannar 2015 u fil-granet ta' qabel, mill-hanut bl-isem ta' *Mama's Collection,* fi Triq il-Vittorja, Hal Qormi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jejj minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

2. Ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

3. Xjentement qeghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq;

4. Bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakketjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata;

5. Bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, kellu fil-pussess, kustodja jew kontroll tieghu fil-kors ta' xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li huwa jew persuna ohra jaghmel xi haga li jkun reat taht il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 72 tal-Kapitolu 416 l-Att dwar it-*Trademarks,* Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti ntlabet sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fatt li gie dikjarat li huwa kkolabora bis-shih mal-pulizija u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li piena karcerarja mhux wahda idonea .

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 298(1)(a), 298(1)(c), 298(1)(f) ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 72(1)(b)(c) u 72(4) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ghat-talba ghall-hlas ta' l-esperti billi ma jirrizultax li saru tali spejjez.

Inoltre' tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-oggetti ezebiti formalment bhala Dok Y5.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat